MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Numru 707/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**versus**

**Jason Debono**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jason Debono ta' 33 sena bin Carmelo u Mary nee Abela imwieled il-Pieta' fis-6 t'Awissu 1972 residenti 1 Sqaq 2 Triq San Mikiel Bormla u li għandu l-karta ta' l-identita' bin-numru 358272 (M)

(a) Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fix-xhur ta' Marzu u April 2006 b'diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti u li jiskru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel

uzu ta’ ismijiet foloz jew kwalifiki foloz, billli nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi folo, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew kreditu immaginarju, jew sabiex iqantal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ LM550 ghad-dannu ta’ Noel Cutajar mill-Hamrun.

(b) U  aktar talli fl-istess perjodu u ċirkostanzi  approprijat ruħek billi dawwrt biprofitt għalik jew għall-eprsuna oħra minn ħaġa ta’ ħadd ieħor li kient ġeit fdata jew ikkunsinjata lilek taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u cioe’ żammejt għandek ħames mija u ħamsin lira MAltin għad-dannu ta’ Noel Cutajar mill-Hamrun.

(ċ) U aktar talli fl-14 t’April 2006 fl-Għassa tal-Pulizija ta’ Bormla ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi ta- reat b’mod li jistħgu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar;

(d) Ukoll talli b’hekk sar reċidiv a termini ta’ l-artikolu 49 et sequitier tal-Kodiċi Kriminali b’sentneza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datata 2 ta’ Novembru 2001 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta’ l-imputat li jġib in-numru 3582 ta’ l-1972, il-fedina penali ta’ l-imputat, il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li t-tieni imputazzjoni – dik dwar il-misapproprijazzjoni – hija alternattiva għall-frodi, l-istqarrija ta’ l-imputat, il-kopja tas-sentenza tat-2 ta’ Novembru 2001,  u l-ammissjoni ta’ l-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Ikkonsidrat

Li ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih – bit-tieni imputazzjoni bħala alternattiva biss

għall-ewwel waħda – dawn l-imputazzjoni huma ppruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 18, 49, 50, 308, 309, 293, 310(1)(b),110(2) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta’ l-ewwel, tat-tielet u tar-raba’imputazzjoni biss u mhix ser tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din hija alternattiva għall-ewwel waħda.

Il-Qorti nnutat li l-imputat ammetta mal-ewwel u li ħallas lill-persuna li hija l-allegata vittma ta’ l-ewwel reat. Barra dan, jidher li l-imputat għandu problemi ta’ djun ma’ nies oħra li qegħdin irossuh għall-ħlasijiet. Iżda l-Qorti qed tqis ukoll li minkejja dawn iċ-ċirkostanzi huwa xorta illegali li jsir qerq b’vittmi innoċenti jew li jsiru rapporti lill-Pulizija li ma jkunux veru.

Meta qieset iċ-ċirkostanzi kollha flok tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mil-lum. Il-Qorti spjegat lill-imputat xi jfisser l-artikolu 22 tal-Kap 446 fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------